**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 95 – IT-TNEJN, 13 TA' NOVEMBRU 2017 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 94

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 93

2.1 Ġie innutat li għad irid jinġabru stimi biex isir d-drip irrigation fil-masġar.

## 3 Pagamenti Numru 82

3.1 Kien hemm qbil li pagament numbru 21 għandu jistenna sakemm jiġi ċċertifikat ix-xogħlijiet mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sinjura Marica Bayliss oġġezzjonat rigward pagament numru 17 u lmentat li l-ħaddiema tar-reġjun għandhom jużaw il-vettura tal-Kunsill meta jkunu qegħdin assenjati mal-Kunsill. Is-Sur Dominic Cassar irrisponda li l-vettura tkun qed tintuża.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 6 favur u 1 kontra.

**4 Tender SGNLC/T/1/17 Ġonna u Soft Areas**

4.1 Ġew innutati 4 offerti għal din it-tender. L-irħas offerta kienet dik ta' Waste Collection Ltd. Kien hemm diskussjoni fejn ġiet innutata li din l-offerta, meta wieħed iqis l-ispejjeż involuti, ma kinitx adekwata biex jitħallsu l-pagi għall-ħaddiema mitluba u għalhekk kienet ser tiġi taħt il-prekarjat. Għal din ir-raġuni kien hemm diskussjoni rigward it-tieni l-irħas offerta dik tal-Premier Ltd. Dawn huma l-kuntratturi preżenti tal-Kunsill. Ġie innutat li l-offerta hija waħda aċċettabbli u l-Kunsill huwa sodisfatt bix-xogħol tagħhom.

4.2 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li tiġi aċċettata l-offerta ta' Premier Ltd. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 6 favur u 1 astensjoni.

**5 Tender SGNLC/T/2/17 Servizzi ta' Perit**

5.1 Ġew innutati 3 offerti għal din it-tender. L-irħas offerta kienet dik ta' Robert Grech. Dan huwa l-Perit preżenti tal-Kunsill.

5.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta ta' Robert Grech. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 6 favur u 1 astensjoni.

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.1 Ġiet innutata korrispondenza mill-Ministeru tat-Trassport rigward il-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandu xi laqgħat rigward dan il-proġett.

**7 Korrispondenza**

7.1 Kien hemm qbil li jsiru żewġ klassijiet tal-Keep Fit b'10 sessions kull waħda. Dawn għandhom jibdew f'Jannar 2018.

7.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-mitħna ta' taħt l-art ser tibda titbattal it-Tlieta 14 ta' Novembru 2017.

7.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskola aċċettat li tintuża klassi fis-sajf għall-użu tar-robotika.

7.4 Ġiet innutata talba biex tingħalaq is-service road fi Vjal ir-Riħan biex issir attività biex jiġi promoss l-użu tar-roti. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

7.5 Ġiet innutata multa mill-OHSA għall-Kunsill. Din il-multa ġiet imposta fuq il-Kunsilli kollha. Ġiet innutata wkoll korrispondenza mill-AKL, fejn dawn ser jagħmlu laqgħa mal-OHSA rigward dawn il-multi u m'għandiex tiġi mħallsa din il-multa għalissa.

7.6 Ġiet innutata applikazzjoni PC0057/17, li hija talba biex tinbidel il-linja tal-bini fi Triq il-Kapuċċini. Il-Kunsill għandu jilmenta li jekk ser jinqalgħu xi siġar, dawn għandhom jiġu kkumpensati b'siġar oħrajn.

7.7 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza minn Fr Libreri. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel ix-xogħlijiet mitluba ta' tikħil u żebgħa.

7.8 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza għal talba biex tinbidel id-direzzjoni ta' Triq San Franġisk. Ma kienx hemm qbil li din issir imma kien hemm qbil li jistgħu jsiru tabelli biex jindikaw id-direzzjoni.

## 8 Affarjiet oħra

8.1 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn tiswija ta' ġebla fi Triq in-Naxxar. Hemm rampa fuq il-bankina li hija perikoluża.

Is-Sinjura Rita Saliba u Joan Farrugia skużaw ruħhom mil-laqgħa fis-6.35pm.

Is-Sur Cassar kompla billi ġab għall-attenzjoni li hemm ħsarat mill-Enemalta fi 3 bozoz fi Triq il-Bies u hemm żewġ arbli perikolużi fi Vjal ir-Riħan.

8.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex isir ċint ta' filata fi Triq Wied Għollieqa biex il-karozzi ma jidħlux fuq il-ħamrija. Għandha ssir site visit.

8.3 Is-Sur Neville Mallia talab biex issir tabella "Slow" fi Triq Salvu Busuttil.

8.4 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis informa lill-Kunsill li hu ser ikun responsabbli mill-ġonna u s-soft areas ta' San Ġwann.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru 2017 fil-5.30pm.

| ________________________ | ________________________ |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |